**Kulleġġ Santa Margerita**
**Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2013**

| **Is-Sitt Sena** | **Studji Soċjali** | **Ħin: Siegħa u Kwart** |
|---|---|---|

**Isem:** ________________________________________ **Klassi:** __________

**A: Qabbel dawn li ġejjin billi tikteb numru fil-kaxxa l-vojta. L-ewwel waħda hi lesta bħala eżempju:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-lingwa | | Kulħadd għandu dritt għall-opinjoni tiegħu. |
| 2 | It-telefon | | Iżommuna aġġornati ma' dak kollu li jkun qed jiġri madwarna. |
| 3 | Il-gazzetti | **1** | Hi mezz ta' komunikazzjoni soċjali. |
| 4 | Id-demokrazija | | Xibka wiesa' ta' komunikazzjoni l-aktar permezz tal-kompjuter. |
| 5 | L-Internet | | Permezz tagħha l-kappillan iwassal il-messaġġ tiegħu. |
| 6 | L-Omelija | | Tużah biex titkellem ma' persuna li qiegħda 'l bogħod. |

(2 x 5 = 10 marki)

**B: Imla l-vojt:**

Malta tinsab fin-nofsinhar tal-kontinent tal-**E**__________, sewwasew fin-nofs tal-Baħar **M**_______________ . Dan il-baħar imiss ma' tliet kontinenti kbar, jiġifieri mal-**A**__________ , mal- **E**___________ u mal-**A**_________ .

(2 x 5 = 10 marki)

## L-ARĊIPELAGU TA' MALTA

**Ċ: Għid x'jisimhom dawn il-gżejjer li lkoll jagħmlu parti mill-arċipelagu ta' Malta.**
*Agħżel minn: Malta, Għawdex, Kemmuna, Kemmunett, Filfla, l-Gżira Manwel*



(2 x 5 = 10 marki)

**D: Ikteb l-isem tal-belt jew raħal li jaqbel mat-tagħrif mogħti**

| | | Belt jew Raħal |
|---|---|---|
| 1. | Il-belt Kapitali ta' Malta. Inbniet mill-kavallieri u msemmija għall- Gran Mastru ta' żmien l-Assedju l-Kbir. | |
| 2. | Belt Storika mdawra bis-swar fil-Port il-Kbir. Hawn jinsab il-Forti Sant'Anġlu. | |
| 3. | Hawn insibu l-ajruport internazzjonali ta' Malta | |
| 4. | L-akbar villaġġ tas-sajd fix-Xlokk ta' Malta. Kull nhar ta' Ħadd jarma s-suq tal-ħut. | |
| 5. | L-akbar bajja mrammla f'Malta. Insibu wkoll riserva naturali tal-għasafar. | |

(2 X 5 = 10 marki)

**E: Immarka VERU jew FALZ dwar l-Assedju l-Kbir:**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1. | La Valette kien il-Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann matul l-Assedju l-Kbir. | | |
| 2. | It-Torok kienu nsara. | | |
| 3. | It-Torok għamlu l-kamp tagħhom il-belt Valletta. | | |
| 4. | Qabel l-Assedju, il-bjar tal-ilma fil-Marsa ġew avvelenati. | | |
| 5. | L-ewwel attakk tat-Torok kien fuq Sant'Anġlu. | | |
| 6. | Waqt l-attakk fuq Sant'Iermu, miet il-furban Tork Dragut. | | |
| 7. | Matul l-attakk fuq Sant'Iermu ma tantx mietu nies. | | |
| 8. | Toni Bajada kien Malti li b'kuraġġ kbir mexxa l-flotta Torka. | | |
| 9. | Minkejja li rebħu lil Sant'Iermu, it-Torok ma setgħux jirbħu l-fortizzi l-oħra. | | |
| 10. | Wara r-rebħa tal-Assedju l-Kbir, il-kavallieri telqu minn Malta. | | |

(1 x 10 = 10 marki)

**F: Fl-istampa qed naraw il-ħames saffi tal-ġebla Maltija.**

**Wieġeb il-mistoqsijiet:**



1. Liema saff jintuża biex nibnu d-djar tagħna?

   _______________ (2)

2. Is-saffi jkunu kollha l-istess kulur u ħxuna. Veru jew falz? _______________ (2)

3. Liema saff jintuża biex isir il-fuħħar? _______________ (2)

4. X'insejħulu l-post minn fejn jinqata' l-blat jew il-ġebel? _______________ (2)

5. Xi jfisser meta ngħidu li l-blat ta' Malta huwa blat sedimentarju?

_____________________________________________________________________

_____________________________________________________________________(2)

**Ġ: Kevin, tifel tas-sitt sena, mar iżur post storiku flimkien mal-klassi tiegħu.**

**Huwa kiteb rapport dwar dan il-post.**

Imla l-vojt bl-informazzjoni li għandu nieqsa:
(Jista' jkollok repetizzjoni ta' xi tweġiba)

"*Il-ġimgħa l-oħra morna nżuru Għar* _______________ fl-inħawi ta' Birżebbuġa .

*F'dan l-għar instabu fdalijiet fossilizzati ta' diversi bċejjeċ t'annimali bħal*

_______________, _______________, _______________ *u*

_______________. *Permezz ta' dawn is-sejbiet, l-istudjużi saru jafu li Malta mhux*

*minn dejjem kienet* _______________. *Kien hemm żmien meta Malta kienet*

*magħquda ma'* _______________. *Żmien wara, sabu li Malta reġgħet infirdet*

*għaliha. Dan ġara minħabba li l-livell tal-*_______________ *għola u għalhekk artna*

_______________ *minn ma' Sqallija u saret* _______________."

(1 x 10 = 10 marki)



**G: Cruises fil-Mediterran fuq is-Sea Dream Cruises.**




Cruise 1




Cruise 2

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

1. Jekk irrid immur Sqallija, liema Cruise irrid nibbukkja? ________________
2. Jekk irrid immur il-Portugal, liema cruise irrid nagħżel? ________________
3. Liema cruise ser iżur il-kontinenti tal-Ewropa u l-Asja? ________________
4. Liema pajjiz se jżuruh iż-żewġ Cruises? ________________
5. Liema cruise mhux biss fil-baħar Mediterran? ________________
6. Cruise 2 jieqaf fil-belt kapital ta' Spanja? ________________
7. Semmi post fl-Italja li jżur Cruise 2. ________________
8. Liema cruise jitlaq mill-belt fejn hemm il-Kolossew? ________________
9. Liema cruise jispiċċa fil-belt kapitali tat-Turkija? ________________
10. Liema cruise imur Franza? ________________

(1 X 10 = 10 marki)



**GĦ: IL-PAJJIŻI TAL-MEDITERRAN**

Ikteb il-pajjiż u agħti l-belt kapitali tiegħu skont in-numru li hemm fuq mappa:




| Numru | Pajjiż | Belt Kapitali |
|---|---|---|
| 1. | | |
| 2. | | |
| 3. | | |
| 4. | | |
| 5. | | |

(1 X 10 = 10 marki)

**H: IL-GŻEJJER: Il-Gżejjer Mediterranji msemmija hawn taħt, ilkoll jagħmlu ma' xi pajjiż. Għid ma' liema pajjiż jagħmlu dawn il-gżejjer:**

| | **Isem il-Gżira** | **Pajjiz** |
|---|---|---|
| 1 | Sqallija | |
| 2 | Gżejjer Balearići | |
| 3 | Kreta | |
| 4 | Sardenja | |
| 5 | Korsika | |

(1 x 5 = 5 marki)

6. Semmi, minbarra Malta, gżira oħra indipendenti fil-Mediterran.

______________________

(2 marki)

7. Għid x'jisimhom it-tliet daħliet għall-Baħar Mediterran:

______________________

______________________

______________________

(3 marki)

TMIEM IL-KARTA